22003A0618(01)

FTEHIM

fil-ġhamla ta' Skambju ta' l-Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja li jirrigwarda s-sistema ta' l-eko-punti li trid tiġi applikata ġhat-traffiku Kroat fi transitu minn ġo l-Awstrija mill-1 ta' Jannar 2003

A. *Ittra mill-Komunità Ewropea*

Sinjur,

Ġhandi l-unur ngħarrfek illi, wara n-negozjati bejn id-delegazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u d-delegazzjoni tal-Komunità Ewropea, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(2)(b) tal-Protokoll Nru 6 tal-Ftehim *Interim* bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja, ġie miftiehem dan li ġej:

1. L-eko-punti (drittijiet tat-transitu) ġhall-vetturi tqal Kroati tal-merkanzija li jittransittjaw minn ġo l-Awstrija allokati ġhas-sena 2003: 171 904 eko-punti.

   Eko-punti addizzjonali allokati lill-utenti Kroati tar-*Rollenden Landstrasse* (*RoLa*) (sa massimu ta' 40 % tan-numru totali ta' l-eko-punti ġhas-sena 2003): 68 762 eko-punti.

   L-eko-punti ġhar-*RoLa* ġhandhom jiġu allokati lill-awtoritajiet Kroati, fuq il-bażi ta' l-eko-punti ġhal żewġ vjaġġi bit-triq ġhal kull żewġ vjaġġi ċirkolari magħmula bir-*RoLa*.

   Il-kumpaniji Awstrijaċi tat-trasport magħqud iridu jipprovdu b'mod regolari, kull xahar, tagħrif lill-Ministru ta' l-Affarijiet Marittimi, it-Trasport u l-Komunikazzjonijiet tar-Repubblika tal-Kroazja li jirrigwarda lill-utenti Kroati tat-trasport magħqud fi transitu minn ġo l-Awstrija.

   Il-vjaġġi tat-transitu magħmula fiċ-ċirkostanzi elenkati fl-Anness A jew taħt l-awtorizzazzjonijiet ta' l-*ECMT* ġhandhom ikunu eżentati mis-sistema ta' l-eko-punti.

2. Is-sewwieq ta' vettura tqila tal-merkanzija fit-territorju ta' l-Awstrija ġhandu jġorr, u ġhandu jagħmel disponibbli ġhall-ispezzjon fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tas-sorveljanza, jew:

   (a) formola *standard* mimlija kif mistħoqq jew ċertifikat Awstrijakk li jikkonferma l-ħlas ta' l-eko-punti ġhall-vjaġġ fil-kwistjoni, immudellat fuq l-Anness B, minn issa 'l quddiem imsejħa l-"eko-karta";

   (b) apparat elettroniku, imwaħħal mal-vettura bil-magna li jgħin li l-eko-punti jiġu ddebitati awtomatikament, minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-"eko-apparat";

   (ċ) id-dokumentazzjoni approprjata ġhalbiex turi illi jkun qiegħed isir vjaġġ ta' transitu ħieles mill-eko-punti; jew

   (d) id-dokumentazzjoni approprjata ġhalbiex turi illi jkun qiegħed isir vjaġġ mhux tat-transitu, u meta eko-apparat jitwaħħal fuq il-vettura, l-eko-apparat jitwaħħal b'dan il-ġhan.

   L-awtoritajiet kompetenti Awstrijaċi ġhandhom joħorġu l-eko-karta ġhall-ħlas ta' l-ispiża tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-eko-punti u l-eko-karti.

3. L-eko-apparati ġhandhom jiġu ffabbrikati, ipproggrammati u mwaħħla skond l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali tekniċi stabbiliti fl-Anness Ċ. Il-Ministeru ta' l-Affarijiet Marittimi, it-Trasport u l-Komunikazzjoijiet tar-Repubblika tal-Kroazja huwa awtorizzat li japprova, jipprogramma u jwaħħal l-eko-apparati.

   L-eko-apparat ġhandu jkun ipprogrammat li jkun fih tagħrif dwar il-pajjiż tar-reġistrazzjoni u l-valur tan-NO_x tal-vettura bil-magna, kif iddikjarat fid-dokument tal-komformità mal-produzzjoni (KP), kif iddefinit fil-punt 4.

   L-eko-apparat ġhandu jitwaħħal mal-ħġieġa ta' quddiem tal-vettur bil-magna. Ġhandu jkun ippożizzjonat skond l-Anness D. Ma ġhandux ikun jista' jiġi ttrasferit.

4. Is-sewwieq ta' vettura tqila Kroata tal-merkanzija rreġistrata fl-1 ta' Ottubru 1990 jew qabel ġhandu jġorr ukoll, u jipproduċi fuq talba, dokument tal-KP, immudellat fuq l-Anness E, bħala xhieda tal-ħruġ tan-NO_x tal-vettura. Il-vetturi tqal tal-merkanzija rreġistrati ġhall-ewwel darba qabel l-1 ta' Ottubru 1990 li rigward tagħhom ma jiġi prodott l-ebda dokument ġhandhom jiġu meqjusa li jkollhom il-valur tal-KP ta' 15,8 g/*kWh*.

5. Il-Ministeru ta' l-Affarijiet Marittimi, it-Trasport u l-Komunikazzjonijiiet tar-Repubblika tal-Kroazja huwa awtorizzat li joħroġ id-dokumenti u l-eko-apparati riferiti fil-punti minn 2 sa 4.

6. Għajr jekk vettura tkun qiegħda tuża eko-apparat, in-numru mitlub ta' l-eko-punti għandu jiġi mwaħħal fuq l-eko-karta u kkanċellat. L-eko-karta għandha tiġi kkanċellata minn wieħed jew ieħor tal-metodi li ġejjin:

   (a) billi l-eko-karta tiġi ttimbrata b'magna li tittimbra l-eko-karti;

   (b) billi l-eko-karta tiġi ttimbrata mill-awtoritjiet Awstrijaċi tal-kontroll fuq il-fruntiera mad-dħul fl-Awstrija;

   (ċ) billi l-eko-karta tkun ittimbrata u ddatata mill-awtoritajiet nazzjonali tat-trasportatur qabel ma tidħol fit-territorju Awstijakk;

   (d) billi l-eko-karta tiġi ttimbrata f'uffiċċju fejn titwettaq l-inizjalizzazzjoni ta' l-eko-apparati.

   L-istazzjonijiet Awstrijaċi mgħammra b'magna li tittimbra l-eko-karti huma elenkati fl-Anness F.

   Għall-għanijiet ta' l-istatistika l-paġna 1 ta' l-eko-karta kkompletata għandha jew tinġabar mill-awtoritajiet Awstrijaċi jew sussegwentement tiġi mogħtija lura mill-awtoritajiet kompetenti lill-awtoritajiet Awstrijaċi fi żmien tliet xhur mit-tkomplija tal-vjaġġ. L-istatistika hekk miġbura għandha tgħin lill-Kummissjoni sabiex tagħmel kull proposta għad-distribuzzjoni ta' l-eko-punti ta' riserva.

   Jekk il-vettura jkollha eko-apparat imwaħħal fuqha, mal-konferma li tkun daħlet għal vjaġġ ta' transitu li jkun jeħtieġ l-eko-punti, għandu jiġi mnaqqas numru ta' eko-punti ekwivalenti għat-tagħrif dwar il-ħruġ tan-NO_x maħżun fl-eko-apparat tal-vettura mit-total ta' l-eko-punti allokati lir-Repubblika tal-Kroazja. Dan għandu jsir mill-infrastruttura pprovduta u mħaddma mill-awtoritajiet Awstrijaċi.

   Għall-vetturi mgħammra bl-eko-apparati li jkunu qegħdin jagħmlu vjaġġi bilaterali, dawn iridu jirrangaw l-eko-apparat sabiex juri illi jkun qiegħed isir vjaġġ mhux ta' transitu qabel ma jidħol fit-territorju Awstrijakk.

   Fil-każ dwar meta tintuża eko-karta u meta unit ta' vettura tal-ġbid tinbidel matul vjaġġ ta' transitu, il-prova tal-ħlas mad-dħul għandha tibqa' valida u tinżamm. Meta l-valur tal-KP tal-vettura l-ġdida tal-ġbid jaqbeż lil dak indikat fuq il-formola, għandhom jiġu kanċellati l-eko-punti addizzjonali, imwaħħla fuq karta ġdida, mal-ħruġ mill-pajjiż.

7. Il-vjaġġi mingħajr waqfien li jinvolvu l-qsim tal-fruntiera Awstrijaka għal darba waħda bil-ferrovija, sewwa jekk bit-trasport konvenzjonali tal-ferroviji u sewwa f'ħidma magħquda tat-trasport, u li jaqsmu l-fruntiera bit-triq qabel jew wara l-qsim bil-ferrovija, ma għandhomx jitqiesu bħala transitu tal-merkanzija bit-triq minn ġo l-Awstrija imma bħala vjaġġi bilaterali.

   Il-vjaġġi mingħajr waqfien minn ġo l-Awstrija li jużaw l-istazzjonijiet terminali li ġejjin għandhom jitqiesu bħala vjaġġi bilaterali:

   Fürnitz, Villach Süd, Sillian, Innsbruck/Hall, Brennersee, Graz.

8. L-eko-punti għandhom ikunu validi bejn l-1 ta' Jannar tas-sena li għaliha jkunu attribwiti u l-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

9. Il-kontravenzjonijiet għal dan il-Ftehim minn sewwieq ta' vettura tqila Kroata tal-merkanzija jew impenn għandhom jiġu mħarrka skond il-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ.

   Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Awstrija u tal-Kroazja għandhom, kull waħda fil-limiti tal-ġurisdizzjoni tagħha, jipprovdu lil xulxin bl-assistenza amministrattiva għalbiex iwettqu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni dwar dawn il-kontravenzjonijiet, b'mod partikolari billi jiżguraw illi l-eko-karti u l-eko-apparati jkunu wżati u mħaddma b'mod korrett.

   Jistgħu jiġu mwettqa kontrolli f'post ieħor għajr fuq il-fruntiera interna, skond id-diskrezzjoni ta' l-Istat Membru tal-Komunità Ewropea, bir-rigward mistħoqq għall-prinċipju li ma ssirx diskriminazzjoni.

10. L-awtoritajiet Awstrijaċi tas-sorveljanza jistgħu, filwaqt li jqisu kif mistoqq il-prinċipji tal-proporzjonalità, jieħdu l-miżuri approprjati jekk vettura jkollha l-eko-apparat imwaħħal fuqha u tiġri mill-inqas waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

    (a) il-vettura u l-operatur ikunu kkommettew kontravenzjonijiet ripetutament;

    (b) ma jifdlux eko-punti biżżejjed fl-allokazzjoni tal-Kroazja;

(ċ) l-eko-apparat ikun ġie mbagħbas jew ġie mibdul minn parti oħra għajr dawk awtorizzati fil-punt 3;

(d) il-Kroazja ma allokatx eko-punti biżżejjed għalbiex il-vettura tagħmel vjaġġ ta' transitu;

(e) il-vettura ma jkollhiex id-dokumentazzjoni approprjata skond il-punt 2 (ċ) jew (d) għalbiex tiġġustifika għaliex l-eko-apparat ikun tqiegħed għalbiex juri illi jkun qiegħed isir vjaġġ mhux tat-transitu fit-territorju Awstrijakk;

(f) meta l-eko-apparat speċifikat fl-Anness Ċ ma jkunx mimli b'eko-punti biżżejjed għalbiex jagħmel vjaġġ ta' transitu.

L-awtorijajiet Awstrijaċi tas-sorveljanza jistgħu, fil-waqt li jagħtu qies mistħoqq tal-prinċipju tal-proporzjonalità, jieħdu l-miżuri approprjati jekk vettura ma jkollhiex l-eko-apparat imwaħħla fuqha u tiġri waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) ma tiġix ippreżentata eko-karta lill-awtoritajiet tas-sorveljanza skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim;

(b) eko-karta li ma tkunx ikkompletata jew ma tkunx korretta, jew meta l-eko-punti ma jiġux imwaħħla b'mod korrett;

(ċ) il-vettura ma tippossjedix id-dokumentazzjoni approprjata sabiex tiġġustifika illi ma teħtiġx eko-punti;

(d) l-eko-karta ma tkunx ġiet ikkanċellata skond il-proċedura stabbilita fil-punt 6.

11. L-eko-punti stampati li jkunu maħsuba għalbiex jitwaħħlu fuq l-eko-karti għandhom ikunu disponibbli kull sena qabel l-1 ta' Novembru tas-sena ta' qabel.

12. Fil-każ tal-vetturi rreġistrati qabel l-1 ta' Ottubru 1990 li kellhom il-magna mibdula minn din id-data, għandu japplika l-valur tal-KP tal-magna l-ġdida. F'dan il-każ iċ-ċertifikat maħruġ mill-awtorità approprjata għandu jsemmi l-bidla tal-magna u jagħti d-dettalji dwar il-valur il-ġdid tal-KP għall-ħruġ tan-NO_x.

13. Vjaġġ ta' transitu għandu jkun eżentat mill-ħlas ta' l-eko-punti jew jiġu sodisfatti t-tliet kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-għan waħdieni tal-vjaġġ ikun li jikkunsinna vettura ġdida fjamanta, jew għaqda ta' vetturi, mingħand il-fabbrikanti lejn destinazzjoni fi Stat ieħor;

(b) ma tinġarr l-ebda merkanzija fuq il-vjaġġ;

(ċ) il-vettura jew l-għaqda tal-vetturi jkollhom il-karti approprjati tar-reġistrazzjoni internazzjonali u l-pjanċi tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni.

14. Vjaġġ ta' transitu għandu jkun eżentat mill-ħlas ta' l-eko-punti jekk il-parti mhux mgħobbija tal-vjaġġ tkun eżentata mill-eko-punti kif elenkat fl-Anness A u l-vettura ġġorr id-dokumentazzjoni xierqa għalbiex turi dan. Din id-dokumentazzjoni xierqa għandha tkun jew:

(a) polza tat-tagħbija; jew

(b) eko-karta kkompletata li ma jkunu twaħlu l-ebda eko-punti fuqha; jew

(ċ) eko-karta kkompletata bl-eko-punti, li jiġu sussegwentement istitwiti mill-ġdid.

15. Kull problema li tinħoloq mill-ġestjoni ta' dan ir-reġim ta' l-eko-punti għandha tiġi ssottomessa lis-Sotto Kumitat *Interim* tat-Trasport tal-Komunità/ir-Repubblika tal-Kroazja pprovdut fl-Artikolu 41 tal-Ftehim *Interim* li għandu jistma s-sitwazzjoni u jirrakkomanda l-azzjonijiet approprjati. Kull miżura li trid tiġi implimentata minnufih għandha tkun ipproporzjonata u mhux diskriminatorja.

Inkun obbligat jekk inti tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek mal-kontenut ta' din l-ittra.

Sinjur, jekk jogħġbok, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

F'isem il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

ANNESS A

Il-vjaġġi li għalihom mhumiex meħtieġa eko-punti

1. It-trasport okkażjonali tal-merkanzija lejn u mill-ajruporti meta t-titjiriet jiġu mibdula.

2. Il-ġarr tal-bagalji fit-*trailers* imwaħħla mal-vetturi tal-passiġġieri, u l-ġarr tal-bagalji lejn u mill-ajruporti minn kull għamla ta' vetturi.

3. Il-ġarr tal-kunsinni postali.

4. Il-ġarr tal-vetturi bil-ħsara jew il-vetturi li jeħtieġu t-tiswija.

5. Il-ġarr ta' l-iskart u tad-drenaġġ.

6. Il-ġarr tal-karkassi ta' l-annimali biex jiġu disponuti minnhom.

7. Il-ġarr tan-naħal u tal-bajd tal-ħut.

8. Il-ġarr tal-katavri.

9. Il-ġarr tax-xogħlijiet ta' l-arti għall-esibizzjonijiet u għal għanijiet kummerċjali.

10. Il-ġarr okkażjonali tal-merkanzija għal għanijiet tar-reklamar u edukattivi.

11. Il-ġarr tal-merkanzija minn ditti tal-ġarr li jippossjedu l-personal u t-tagħmir approprjati.

12. Il-ġarr tat-tagħmir, l-aċċessorji u l-annimali minn u lejn okkażjonijiet teatrali, mużikali, ta' l-isport jew taċ-ċinema, esibizzjonijiet jew fieri, minn u lejn reġistrazzjonijiet tar-radjo, taċ-ċinema jew tat-televiżjoni.

13. Il-ġarr tal-partijiet li jinbidlu tal-bastimenti u tal-vetturi ta' l-ajru.

14. Il-vjaġġ battal ta' vettura tal-merkanzija mibgħuta biex tieħu l-post ta' vettura li tkun ġratilha l-ħsara waqt it-transitu u t-tkomplija tal-vjaġġ mill-vettura tal-bidla bl-użu ta' l-awtorizzazzjoni maħruġa għall-ewwel vettura.

15. Il-ġarr ta' għajnuna medika ta' emerġenza (b'mod partikolari fil-każ ta' diżastri naturali).

16. Il-ġarr ta' l-oġġetti prezzjużi (p.e. metalli prezzjużi) f'vetturi speċjali skortati mill-pulizija jew servizz ieħor tas-sigurtà.

ANNESS B



St. Dr. Lager-Nr. 181. – Streng verrechenbar. – © Österreichische Staatsdruckerei 635094 dfp/r 5 4 3 2 1

Straßengüterverkehr

Ökokarte

Original

1033 Wien, Hintere Zollamtsstraße 2 b

Für nationale Kennzeichnung/National identification mark/
Segno di riconoscimento nazionale

Erläuterungen siehe Rückseite der Bestätigung
Spiegazioni sul verso della conferma (Bestätigung)
For explanation see back of confirmation (Bestätigung)

㉗ Name und Firma sowie vollständige Anschrift des Verkehrsunternehmers

③ Datum der Einreise (Tag, Monat, Jahr)

④ Angaben zum LKW/Zugfahrzeug
⑤ Nationalität ⑥ Amtliches Kennzeichen

⑦ Monat und Jahr der 1. Zulassung

⑧ COP-Wert (mit 1 Dezimale)

⑨ Anzahl der Ökopunkte

⑩ Angaben zum Anhänger/Sattelauflieger
⑤ Nationalität ⑥ Amtliches Kennzeichen

⑪ Fuhrgewerbe [X]

⑫ Werkverkehr [X]

⑬ Angaben zum Transport (nur bei beladenem Fahrzeug)
⑭ Gewicht der Ladung in Tonnen (mit 1 Dezimale)

⑮ beladen [X]

⑯ leer [X]

⑰ (Abgangs-) Ladeland	⑱ (Abgangs-) Ladeort (Postleitzahl)	⑲ (Ziel-) Entladeland	⑳ (Ziel-) Entladeort (Postleitzahl)

㉑ Grenzübergangsstellen

㉒ beim Eintritt

㉓ beim Austritt

Beleg wird maschinell eingelesen *Machine-read information* *Ricevuto alla lettura tramite computer*

㉖ Unterschrift und Name des Ausstellers

St. Dr. Lager-Nr. 181. – Streng verrechenbar. – © Österreichische Staatsdruckerei 635094 dfp/r 5 4 3 2 1

Straßengüterverkehr
Ökokarte
Bestätigung

Für nationale Kennzeichnung/National identification mark/
Segno di riconoscimento nazionale

Erfolgt die Entwertung der Ökokarte nicht durch eine Kontrollstelle in der Republik Österreich (EU-Binnengrenze), so ist die Genehmigung im Feld 24 vor Antritt der Fahrt durch Eintragung von Grenzübergangsstelle und Eintrittsdatum von den zuständigen Organen des Mitgliedstaats, in dem das Fahrzeug zugelassen ist, auszufüllen.

If, when entering the country via an internal EU frontier, the cancellation of the ecocard is not performed at a control point in the Republic of Austria, then box 24 shall be completed in advance by the relevant national authority in the country where the vehicle is registered and shall also indicate the frontier post used and date of entry.

Se la cancellazione dell'ecocarta non viene effettuata presso un punto di controllo nella Repubblica austriaca (frontiera intera UE), l'autorizzazione nella casella 24 deve essere compilata prima del viaggio dalle autorità competenti dello Stato membro nel quale è immatricolato il veicolo.

Erläuterungen siehe Rückseite *For explanation see over* *Spiegazioni sul verso*

③ Datum der Einreise (Tag, Monat, Jahr)

㉗ Name und Firma sowie vollständige Anschrift des Verkehrsunternehmers

④ Angaben zum LKW/Zugfahrzeug
⑤ Nationalität ⑥ Amtliches Kennzeichen

⑦ Monat und Jahr der 1. Zulassung

⑧ COP-Wert (mit 1 Dezimale)

⑨ Anzahl der Ökopunkte

⑩ Angaben zum Anhänger/Sattelauflieger
⑤ Nationalität ⑥ Amtliches Kennzeichen

⑪ Fuhrgewerbe ⑫ Werkverkehr

⑬ Angaben zum Transport (nur bei beladenem Fahrzeug)
⑭ Gewicht der Ladung in Tonnen (mit 1 Dezimale) ⑮ beladen ⑯ leer

⑰ (Abgangs-) Ladeland	⑱ (Abgangs-) Ladeort (Postleitzahl)	⑲ (Ziel-) Entladeland	⑳ (Ziel-) Entladeort (Postleitzahl)

㉑ Grenzübergangsstellen
㉒ beim Eintritt
㉓ beim Austritt

㉔ Kontrollvermerk der zuständigen Organe

㉕ Datum/Stempel/Unterschrift

St. Dr. Lager-Nr. 181. – Streng verrechenbar. – © Österreichische Staatsdruckerei 635094 dfp/r 5 4 3 2 1

Österreichische Zollämter
(Grenzübergangsstellen)

Austrian Border Customs Offices
(Frontier posts)

Uffici doganali austriaci
(Uffici doganali in frontiera)

840	Achenkirch	547	Felsenhütt	837	Leutasch	660	Saalbrücke
545	Achleiten	947	Gaißau	445	Loibltunnel	346	Schachendorf
552	Angerhäuser	230	Gmünd	942	Lustenau	538	Schärding
455	Arnoldstein	233	Gmünd-Neunagelberg	940	Lustenau-Schmitterbrücke	838	Scharnitz
735	Bad Radkersburg	235	Grametten	941	Lustenau-Wiesenrain	830	Schattwald
965	Balderschwang	700	Graz-Hauptbahnhof	938	Mäder	848	Schleching
841	Bayrischzell	777	Graz-Ostbahnhof	460	Naßfeld	655	Schwarzbach
270	Berg	645	Großgmain	862	Nauders	554	Schwarzenberg
435	Bleiburg-Grablach	946	Höchst	870	Nauders-Martinsbruck	440	Seebergsattel
355	Bonisdorf	956	Hörbranz	539	Neuhaus	734	Sicheldorf
533	Braunau	958	Hörbranz-Oberhochsteg	548	Neustift	856	Sillian
860	Brenner-Straße	955	Hörbranz-Unterhochsteg	333	Nickelsdorf	534	Simbach
859	Brennerpaß	544	Haibach	844	Niederndorf	745	Spielfeld
531	Burghausen	640	Hangendenstein	549	Oberkappel	872	Spiß
532	Burghausen-Alte Brücke	350	Heiligenkreuz	536	Obernberg	964	Springen
341	Deutschkreutz	939	Hohenems	665	Oberndorf	630	Steinpaß
260	Drasenhofen	960	Hohenweiler	963	Oberreute	537	Suben
635	Dürrnberg	962	Hub	542	Passau-Mariahilf	832	Vils
835	Ehrwald	470	Karawankentunnel/Einfuhr	543	Passau-Saming	839	Vorderriß
845	Erl	471	Karawankentunnel/Ausfuhr	540	Passau-Voglau	650	Walserberg-Autobahn
530	Ettenau	843	Kiefersfelden	871	Pfunds	550	Wegscheid
831	Fallmühle	250	Kleinhaugsdorf	833	Pinswang	961	Weienried
935	Feldkirch-Bangs	340	Klingenbach	465	Plöckenpaß	558	Weigetschlag
936	Feldkirch-Meiningen	937	Koblach	770	Radlpaß	847	Wildbichl
934	Feldkirch-Nofels	255	Laa an der Thaya	345	Rattersdorf-Liebing	560	Wullowitz
932	Feldkirch-Tisis	760	Langegg	849	Reit im Winkl	450	Wurzenpaß
933	Feldkirch-Tosters	431	Lavamünd	834	Reutte/Plansee		

Internationale (Europäische) Kennzeichen / International (European) distinguishing signs / Targhe Internazionali (Europeo)

AL	Albanien	F	Frankreich	LV	Lettland	PL	Polen	YU	Serbien
B	Belgien	GBZ	Gibraltar	FL	Liechtenstein	P	Portugal	SLØ	Slowenien
BIH	Bosnien-Herzegowina	GR	Griechenland	LT	Litauen	RØ	Rumänien	E	Spanien
BG	Bulgarien	GB	Großbritannien	LU	Luxemburg	SU	Russland	CS	Tschechien
D	Deutschland	IRL	Irland	M	Malta	A	Österreich	TR	Türkei
DK	Dänemark	IS	Island	NL	Niederlande	S	Schweden	H	Ungarn
EW	Estland	I	Italien	N	Norwegen	CH	Schweiz	CY	Zypern
FIN	Finnland	HR	Kroatien						

1	Ecocard	1	Ecocarta
2	Federal Ministry for public economy and transport	2	Ministero federale dell'economia pubblica e del traffico
3	Date of entry (Day, Month, Year)	3	Data d'ingresso (Giorno, Mese, Anno)
4	Details of HGV/articulated vehicle tractor unit	4	Dati sull'autocarro o sulla motrice di autoarticolato
5	Nationality	5	Nazionalità
6	Vehicle registration number	6	Targa del veicolo
7	Month and year of first registration	7	Mese e anno di prima immatricolazione
8	COP value (to one decimal place)	8	Valore COP (con una cifra decimale)
9	Number of Ecopoints	9	Numero di Ecopunti
10	Details about trailer/semi-trailer	10	Dettagli di rimorchio/rimorchio de trattore
11	Transport for hire or reward	11	Trasporto merci in conto terzi
12	Transport on own account	12	Trasporto in conto proprio
13	Details of transport (for laden vehicles only)	13	Dati relativi al trasporto (solo per veicoli carichi)
14	Weight of load in tonnes (to one decimal place)	14	Peso lordo in tonnellate (con una cifra decimale)
15	laden	15	carico
16	unladen	16	vuoto
17	Country of loading	17	Paese di carico
18	Place of loading (post code)	18	Località di carico (codice postale)
19	Country of unloading	19	Paese di scarico
20	Place of unloading (post code)	20	Località di scarico (codice postale)
21	Border Customs Office	21	Ufficio doganale in frontiera
22	of entry	22	d'ingresso
23	of exit	23	d'uscita
24	Mark indicating that check has been carried out by the appropriate authority	24	Segno indicante che il controllo è stato fatto dalle autorità competenti
25	Date/Stamp/Signature	25	Data/Timbro/Firma
26	Signature and name of person filling in this form	26	Firma e nome del compilatore
27	Name, firm and complete address of the haulier	27	Cognome, nome della ditta e indirizzo completo dell'imprenditore di trasporti

Die Ökokarte ist ausschließlich unter folgender Adresse zu beziehen:

The Ecocard is available only at the following address:

L'Ecocarta è da ricevere solamente al seguente indirizzo:

Österreichische Staatsdruckerei
Rennweg 16 **Telefon (0222) 797 89 279**
Postfach 129 **Telefax (0222) 797 89 536**
A-1037 Wien

St. Dr. Lager-Nr. 181. – Streng verrechenbar. – © Österreichische Staatsdruckerei 635094 dfp/r 5 4 3 2 1

Straßengüterverkehr
Ökokarte
Bestätigung

Für nationale Kennzeichnung/National identification mark/
Segno di riconoscimento nazionale

Erfolgt die Entwertung der Ökokarte nicht durch eine Kontrollstelle in der Republik Österreich (EU-Binnengrenze), so ist die Genehmigung im Feld 24 vor Antritt der Fahrt durch Eintragung von Grenzübergangsstelle und Eintrittsdatum von den zuständigen Organen des Mitgliedstaats, in dem das Fahrzeug zugelassen ist, auszufüllen.

If, when entering the country via an internal EU frontier, the cancellation of the ecocard is not performed at a control point in the Republic of Austria, then box 24 shall be completed in advance by the relevant national authority in the country where the vehicle is registered and shall also indicate the frontier post used and date of entry.

Se la cancellazione dell'ecocarta non viene effettuata presso un punto di controllo nella Repubblica austriaca (frontiera intera UE), l'autorizzazione nella casella 24 deve essere compilata prima del viaggio dalle autorità competenti dello Stato membro nel quale è immatricolato il veicolo.

Erläuterungen siehe Rückseite *For explanation see over* *Spiegazioni sul verso*

③ Datum der Einreise (Tag, Monat, Jahr)

㉗ Name und Firma sowie vollständige Anschrift des Verkehrsunternehmers

④ Angaben zum LKW/Zugfahrzeug
⑤ Nationalität ⑥ Amtliches Kennzeichen

⑦ Monat und Jahr der 1. Zulassung

⑧ COP-Wert (mit 1 Dezimale)

⑨ Anzahl der Ökopunkte

⑩ Angaben zum Anhänger/Sattelauflieger
⑤ Nationalität ⑥ Amtliches Kennzeichen

⑪ Fuhrgewerbe ⑫ Werkverkehr

⑬ Angaben zum Transport (nur bei beladenem Fahrzeug)
⑭ Gewicht der Ladung in Tonnen (mit 1 Dezimale) ⑮ beladen ⑯ leer

⑰ (Abgangs-) Ladeland	⑱ (Abgangs-) Ladeort (Postleitzahl)	⑲ (Ziel-) Entladeland	⑳ (Ziel-) Entladeort (Postleitzahl)

㉑ Grenzübergangsstellen
㉒ beim Eintritt
㉓ beim Austritt

㉔ Kontrollvermerk der zuständigen Organe

㉕ Datum/Stempel/Unterschrift

St. Dr. Lager-Nr. 181. – Streng verrechenbar. – © Österreichische Staatsdruckerei 635094 dfp/r 5 4 3 2 1

Österreichische Zollämter
(Grenzübergangsstellen)

Austrian Border Customs Offices
(Frontier posts)

Uffici doganali austriaci
(Uffici doganali in frontiera)

840	Achenkirch	547	Felsenhütt	837	Leutasch	660	Saalbrücke
545	Achleiten	947	Gaißau	445	Loibltunnel	346	Schachendorf
552	Angerhäuser	230	Gmünd	942	Lustenau	538	Schärding
455	Arnoldstein	233	Gmünd-Neunagelberg	940	Lustenau-Schmitterbrücke	838	Scharnitz
735	Bad Radkersburg	235	Grametten	941	Lustenau-Wiesenrain	830	Schattwald
965	Balderschwang	700	Graz-Hauptbahnhof	938	Mäder	848	Schleching
841	Bayrischzell	777	Graz-Ostbahnhof	460	Naßfeld	655	Schwarzbach
270	Berg	645	Großgmain	862	Nauders	554	Schwarzenberg
435	Bleiburg-Grablach	946	Höchst	870	Nauders-Martinsbruck	440	Seebergsattel
355	Bonisdorf	956	Hörbranz	539	Neuhaus	734	Sicheldorf
533	Braunau	958	Hörbranz-Oberhochsteg	548	Neustift	856	Sillian
860	Brenner-Straße	955	Hörbranz-Unterhochsteg	333	Nickelsdorf	534	Simbach
859	Brennerpaß	544	Haibach	844	Niederndorf	745	Spielfeld
531	Burghausen	640	Hangendenstein	549	Oberkappel	872	Spiß
532	Burghausen-Alte Brücke	350	Heiligenkreuz	536	Obernberg	964	Springen
341	Deutschkreutz	939	Hohenems	665	Oberndorf	630	Steinpaß
260	Drasenhofen	960	Hohenweiler	963	Oberreute	537	Suben
635	Dürrnberg	962	Hub	542	Passau-Mariahilf	832	Vils
835	Ehrwald	470	Karawankentunnel/Einfuhr	543	Passau-Saming	839	Vorderriß
845	Erl	471	Karawankentunnel/Ausfuhr	540	Passau-Voglau	650	Walserberg-Autobahn
530	Ettenau	843	Kiefersfelden	871	Pfunds	550	Wegscheid
831	Fallmühle	250	Kleinhaugsdorf	833	Pinswang	961	Weienried
935	Feldkirch-Bangs	340	Klingenbach	465	Plöckenpaß	558	Weigetschlag
936	Feldkirch-Meiningen	937	Koblach	770	Radlpaß	847	Wildbichl
934	Feldkirch-Nofels	255	Laa an der Thaya	345	Rattersdorf-Liebing	560	Wullowitz
932	Feldkirch-Tisis	760	Langegg	849	Reit im Winkl	450	Wurzenpaß
933	Feldkirch-Tosters	431	Lavamünd	834	Reutte/Plansee		

Internationale (Europäische) Kennzeichen / International (European) distinguishing signs / Targhe Internazionali (Europeo)

AL	Albanien	F	Frankreich	LV	Lettland	PL	Polen	YU	Serbien
B	Belgien	GBZ	Gibraltar	FL	Liechtenstein	P	Portugal	SLØ	Slowenien
BIH	Bosnien-Herzegowina	GR	Griechenland	LT	Litauen	RØ	Rumänien	E	Spanien
BG	Bulgarien	GB	Großbritannien	LU	Luxemburg	SU	Russland	CS	Tschechien
D	Deutschland	IRL	Irland	M	Malta	A	Österreich	TR	Türkei
DK	Dänemark	IS	Island	NL	Niederlande	S	Schweden	H	Ungarn
EW	Estland	I	Italien	N	Norwegen	CH	Schweiz	CY	Zypern
FIN	Finnland	HR	Kroatien						

1	Ecocard			1	Ecocarta		
2	Federal Ministry for public economy and transport			2	Ministero federale dell'economia pubblica e del traffico		
3	Date of entry (Day, Month, Year)			3	Data d'ingresso (Giorno, Mese, Anno)		
4	Details of HGV/articulated vehicle tractor unit			4	Dati sull'autocarro o sulla motrice di autoarticolato		
5	Nationality			5	Nazionalità		
6	Vehicle registration number			6	Targa del veicolo		
7	Month and year of first registration			7	Mese e anno di prima immatricolazione		
8	COP value (to one decimal place)			8	Valore COP (con una cifra decimale)		
9	Number of Ecopoints			9	Numero di Ecopunti		
10	Details about trailer/semi-trailer			10	Dettagli di rimorchio/rimorchio di trattore		
11	Transport for hire or reward			11	Trasporto merci in conto terzi		
12	Transport on own account			12	Trasporto in conto proprio		
13	Details of transport (for laden vehicles only)			13	Dati relativi al trasporto (solo per veicoli carichi)		
14	Weight of load in tonnes (to one decimal place)			14	Peso lordo in tonnellate (con una cifra decimale)		
15	laden	16	unladen	15	carico	16	vuoto
17	Country of loading			17	Paese di carico		
18	Place of loading (post code)			18	Località di carico (codice postale)		
19	Country of unloading			19	Paese di scarico		
20	Place of unloading (post code)			20	Località di scarico (codice postale)		
21	Border Customs Office			21	Ufficio doganale in frontiera		
22	of entry	23	of exit	22	d'ingresso	23	d'uscita
24	Mark indicating that check has been carried out by the appropriate authority			24	Segno indicante che il controllo è stato fatto dalle autorità competenti		
25	Date/Stamp/Signature			25	Data/Timbro/Firma		
26	Signature and name of person filling in this form			26	Firma e nome del compilatore		
27	Name, firm and complete address of the haulier			27	Cognome, nome della ditta e indirizzo completo dell'imprenditore di trasporti		

Die Ökokarte ist ausschließlich unter folgender Adresse zu beziehen:

The Ecocard is available only at the following address:

L'Ecocarta è da ricevere solamente al seguente indirizzo:

Österreichische Staatsdruckerei
Rennweg 16 **Telefon (0222) 797 89 279**
Postfach 129 **Telefax (0222) 797 89 536**
A-1037 Wien

St. Dr. Lager-Nr. 181. – Streng verrechenbar. – © Österreichische Staatsdruckerei 635094 dfp/r 5 4 3 2 1

ANNESS Ċ

L-ispeċifikazzjonijiet ġenerali tekniċi ta' l-eko-apparat

Vettura b'sinjal ta' komunikazzjoni ta' firxa qasira

Il-*(pri)standards* u r-rapporti tekniċi rilevanti għad-*DSRC*

Iridu jiġu sodisfatti l-ħtiġiet li ġejjin ippovduti mis-*CEN/TC 278* rigward il-komunikazzjoni fuq firxa qasira bejn il-vetturi u l-infrastuttura ta' maġenb it-triq:

(a) *il-prENV278/Nru 62* "saff fiżiku tad-*DSRC* li juża *microwave* fil-*5,8 GHz*";

(b) *il-prENV278/Nruo 64* "saff tad-*DSRC* tar-rabta ta' l-informazzjoni";

(ċ) *il-prENV278/Nru 65* "saff tad-*DSRC* ta' l-applikazzjoni".

It-test tat-tip

Il-fornitur ta' l-eko-apparat irid iforni ċertifikati ta' test tat-tip għall-apparat minn istitut ta' l-akkreditazzjoni tat-testijiet li jikkonferma l-konformità mal-valuri kollha tal-limitu speċifikati fl-I-*ETS 300674* korrenti.

Il-kondizzjonijiet tat-tħaddim

L-eko-apparat għas-sistema awtomatika ta' l-eko-punti jrid jiggarantixxi l-funzjonalità meħtieġa taħt il-kondizzjonijiet tat-tħaddim li ġejjin:

– il-kondizzjonijiet ambjentali: temperatura ta' minn – 25 °C sa + 70 °C,

– il-kondizzjonijiet tat-temp: l-eventwalitajiet kolllha,

– it-traffiku: in-numru ta' sriebet, għaddejjin,

– il-firxa tal-veloċità: minn "wieqaf u itlaq" sa 120 *km/h*.

Il-kondizzjonijiet tat-tħaddim ta' hawn fuq huma l-ħtiġiet minimi sakemm jiġu adottati l-(*pri-standards*) rilevanti għad-*DSRC*.

L-eko-apparat jista' jirreaġixxi biss għas-sinjali *microwave* speċifiċi għall-applikazzjoni tiegħu.

L-eko-apparat

L-identifikazzjoni

Kull eko-apparat irid ikollu numru waħdieni ta' l-identifikazzjoni. B'żieda man-numru ta' ċifri meħtieġa sabiex jingħaraf mill-oħrajn dan in-numru jrid ikollu wkoll somma tal-kontroll għall-verifika ta' l-integrità.

L-istallazzjoni

L-eko-apparat irid ikun iddisinjat sabiex jitwaħħal wara l-ħġieġa ta' quddiem tat-trakk jew ta' l-unità tal-ġbid. Għandu jiġi mwaħħal hekk li ma jkunx tista' jinqala' għal kollox mill-vettura.

Id-dikjarazzjoni tat-transitu

L-eko-apparat irid ikollu l-faċilità għall-*inputs* sabiex jiddikjara vjaġġ eżentat mill-ħlas ta' l-eko-punti.

Il-faċilità trid tkun tidher biċ-ċar fuq l-eko-apparat għall-għanijiet tal-kontroll; alternattivament, irid ikun possibbli li l-eko-apparat jiġi ssettjat f'pożizzjoni inizjali ddefinita. Fil-każijiet kollha, irid jiġi żgurat illi għall-valutazzjoni tas-sistema jitqies biss l-istat fil-ħin tad-dħul.

L-għoti tal-marki fuq barra

Kull eko-apparat irid ukoll ikun jista' jiġi identifikat biċ-ċar ma' spezzjon bl-għajn. Għal dan il-fini, in-numru waħdieni ta' l-identifikazzjoni msemmi hawn fuq irid ikun imwaħħal fuq il-wiċċ ta' l-apparat mingħajr ma jkun jista' jitħassar.

Għoti ta' marka li ma tistax tiġi maqlugħa u ma tistax tiġi mħassra lill-eko-apparat fl-għamla ta' *stickers* imħejjija għandu jiġi mwaħħal ma' l-eko-apparat. Dan l-għoti tal-marka jrid juri n-numru ta' eko-punti għall-vettura individwali (5, 6, … 16).

Dawn l-*istickers* speċjali jridu jkunu li ma jistgħux jiġu mbagħbsa; iridu jkunu ta' saħħa mekkanika u reżistenti għad-dawl u t-temperatura. Irid ikollhom saħħa qawwija fit-twaħħil u kull attentat għalbiex jitneħħew jista' jirriżulta fil-qerda tagħhom.

L-integrità

Il-kaxxa ta' barra ta' l-eko-apparat trid tkun mibnija b'mod illi teskludi kull tbagħbis tal-komponenti ta' ġewwa u sussegwement tkun tista' tinkixef kull interferenza.

Il-memorja

L-eko-apparat irid ikollu l-kapaċità ta' memorja suffiċjenti għall-informazzjoni li ġejja:

- in-numru ta' l-identifikzzjoni,
- l-informazzjoni dwar il-vettura,
  - il-valur tal-KP,
- l-informazzjoni dwar it-transazzjoni,
  - l-identifikazzjoni tal-posta fuq il-fruntiera,
  - id-data/il-ħin,
  - l-istat tal-prospett tal-vjaġġ,
  - tagħrif dwar l-imblukkar (il-projbizzjoni),
- informazzjoni dwar l-istat,
  - it-tbagħbis,
  - l-istat tal-batterija,
  - l-istat ta' l-aħħar komunikazzjoni.

Irid ikollu riserva tal-memorja ta' mill-inqas 30 %.

ANNESS D

Il-ħtiġiet ta' l-istallazzjoni għall-eko-apparat



l-eko-apparat għandu jkun lokat fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ħġeġa ta' quddiem fiż-żona mmarkata (illustrata hawn fuq) fejn id-dimensjonijiet ikunu kif ġejjin:

il-x = 100 ċm

il-y = 80 ċm.

ANNESS E

COP DOCUMENT		1)	Fortlaufende Dokumentnummer: Document serial number: Numero di serie del documento:	

2)	Nationalität: Nationality: Nazionalità:		3)	Amtliches Kennzeichen: Vehicle registration number: Targa del veicolo:	
4)	Datum der Erstzulassung: Date of first registration: Data della prima immatricolazione		4a)	Motor wurde getauscht am: Motor was changed at: Motore cambiato il :	
5)	EWG-Betriebserlaubnisnummer: Type approval number: Numero CEE della licenza per l'esercizio: oder/or/o Motorcodierungsnummer: Engine serial number: Numero di serie del motore:	(nach 88/77/EWG 91/542/EWG oder/or/o ECE R 49)			
6)	Fahrzeugidentifizierungsnummer: Chassis number: Chassis numero:				
7)	NO_x Emission: NO_x Emission: Emissione di NO_x:		8)	COP-Wert (Typengenehmigung + 10 %): COP Value (Type approval + 10 %): Valore COP (Omologazione + 10 %):	
9)	Anzahl Ökopunkte: Number of Ecopoints: Numero di Ecopunti:				

10)	Behördenstempel: Official stamp: Timbro ufficiale:	

11)	Herstellerbestätigung (nach Bedarf): Manufacturer confirmation (if necessary): Attestazione del produttore (a seconda del fabbisogno):	

Der Lenker eines Lkw im Gütertransitverkehr durch Österreich hat dieses Dokument mitzuführen und den Kontrollorganen zur Kontrolle vorzuweisen. Wird das Dokument nicht vorgewiesen, sind für die Fahrt 16 Ökopunkte auf die Ökokarte aufzukleben und zu entwerten.

The driver of an HGV in transit through Austria must carry this document with him/her and present it to control authorities for inspection. If the document is not presented for inspection then 16 Ecopoints are to be affixed to the Ecocard and cancelled.

Il conducente di un camion in transito attraverso l'Austria deve avere con sé questo documento e deve presentarlo alle Autorità competenti per il controllo. In caso di mancata presentazione del documento, 16 Ecopunti verrano applicati sull'Ecocarta e annullati.

ANNESS F

L-istazzjonijiet fuq il-fruntiera Awstrijaka li għandhom magna li tittimbra l-eko-karta

Achenkirch

Arnoldstein

Braunau

Brennerpass

Ehrwald

Hangendenstein

Hörbranz

Kiefersfelden

Musau

Nauders

Neuhaus

Pinswang

Reit im Winkl

Saalbrücke

Scharnitz

Schleching

Sillian

Springen

Suben

Steinpass

Walserberg

Wegscheid

B. *Ittra mir-Repubblika tal-Kroazja*

Sinjur,

Għandi l-unur nirriferi għall-ittra tiegħek ta'…, li fiha inti tgħarrafni b'dan li ġej:

"Għandi l-unur ingħarrfek illi, wara n-negozjati bejn id-delegazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u d-delegazzjoni tal-Komunità Ewropea, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(2)(b) tal-Protokoll Nru 6 tal-Ftehim *Interim* bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja, ġie miftiehem dan li ġej:

1. L-eko-punti (drittijiet tat-transitu) għall-vetturi tqal Kroati tal-merkanzija li jittransittjaw minn ġo l-Awstrija allokati għas-sena 2003: 171 904 eko-punti.

   Eko-punti addizzjonali allokati lill-utenti Kroati tar-*Rollenden Landstrasse* (*RoLa*) (sa massimu ta' 40 % tan-numru totali ta' l-eko-punti għas-sena 2003): 68 762 eko-punti.

   L-eko-punti għar-*RoLa* għandhom jiġu allokati lill-awtoritajiet Kroati, fuq il-bażi ta' l-eko-punti għal żewġ vjaġġi bit-triq għal kull żewġ vjaġġi ċirkolari magħmula bir-*RoLa*.

   Il-kumpaniji Awstrijaċi tat-trasport magħqud iridu jipprovdu b'mod regolari, kull xahar, tagħrif lill-Ministru ta' l-Affarijiet Marittimi, it-Trasport u l-Komunikazzjonijiet tar-Repubblika tal-Kroazja li jirrigwarda lill-utenti Kroati tat-trasport magħqud fi transitu minn ġo l-Awstrija.

   Il-vjaġġi tat-transitu magħmula fiċ-ċirkostanzi elenkati fl-Anness A jew taħt l-awtorizzazzjonijiet ta' l-*ECMT* għandhom ikunu eżentati mis-sistema ta' l-eko-punti.

2. Is-sewwieq ta' vettura tqila tal-merkanzija fit-territorju ta' l-Awstrija għandu jġorr, u għandu jagħmel disponibbli għall-ispezzjon fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tas-sorveljanza, jew:

   (a) formola *standard* mimlija kif misthoqq jew ċertifikat Awstrijakk li jikkonferma l-ħlas ta' l-eko-punti għall-vjaġġ fil-kwistjoni, immudellat fuq l-Anness B, minn issa 'l quddiem imsejħa l-'eko-karta';

   (b) apparat elettroniku, imwaħħal mal-vettura bil-magna li jgħin li l-eko-punti jiġu ddebitati awtomatikament, minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-'eko-apparat';

   (ċ) id-dokumentazzjoni approprjata għalbiex turi illi jkun qiegħed isir vjaġġ ta' transitu ħieles mill-eko-punti; jew

   (d) id-dokumentazzjoni approprjata għalbiex turi illi jkun qiegħed isir vjaġġ mhux tat-transitu, u meta eko-apparat jitwaħħal fuq il-vettura, l-eko-apparat jitwaħħal b'dan il-għan.

   L-awtoritajiet kompetenti Awstrijaċi għandhom joħorġu l-eko-karta għall-ħlas ta' l-ispiża tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-eko-punti u l-eko-karti.

3. L-eko-apparati għandhom jiġu ffabbrikati, ipproggrammati u mwaħħla skond l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali tekniċi stabbiliti fl-Anness Ċ. Il-Ministeru ta' l-Affarijiet Marittimi, it-Trasport u l-Komunikazzjoijiet tar-Repubblika tal-Kroazja huwa awtorizzat li japprova, jipprogramma u jwaħħal l-eko-apparati.

   L-eko-apparat għandu jkun ipprogrammat li jkun fih tagħrif dar il-pajjiż tar-reġistrazzjoni u l-valur tan-NO_x tal-vettura bil-magna, kif iddikjarat fid-dokument tal-komformità mal-produzzjoni (KP), kif iddefinit fil-punt 4.

   L-eko-apparat għandu jitwaħħal mal-ħġieġa ta' quddiem tal-vettur bil-magna. Għandu jkun ippożizzjonat skond l-Anness D. Ma għandux ikun jista' jiġi ttrasferit.

4. Is-sewwieq ta' vettura tqila Kroata tal-merkanzija rreġistrata fl-1 ta' Ottubru 1990 jew qabel għandu jġorr ukoll, u jipproduċi fuq talba, dokument tal-KP, immudellat fuq l-Anness E, bħala xhieda tal-ħruġ tan-NO_x tal-vettura. Il-vetturi tqal tal-merkanzija rreġistrati għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Ottubru 1990 li rigward tagħhom ma jiġi prodott l-ebda dokument għandhom jiġu meqjusa li jkollhom il-valur tal-KP ta' 15,8 g/*kWh*.

5. Il-Ministeru ta' l-Affarijiet Marittimi, it-Trasport u l-Komunikazzjonijiiet tar-Repubblika tal-Kroazja huwa awtorizzat li joħroġ id-dokumenti u l-eko-apparati riferiti fil-punti minn 2 sa 4.

6. Għajr jekk vettura tkun qiegħda tuża eko-apparat, in-numru mitlub ta' l-eko-punti għandu jiġi mwaħħal fuq l-eko-karta u kkanċellat. L-eko-karta għandha tiġi kkanċellata minn wieħed jew ieħor tal-metodi li ġejjin:

   (a) billi l-eko-karta tiġi ttimbrata b'magna li tittimbra l-eko-karti;

   (b) billi l-eko-karta tiġi ttimbrata mill-awtoritjiet Awstrijaċi tal-kontroll fuq il-fruntiera mad-dħul fl-Awstrija;

   (ċ) billi l-eko-karta tkun ittimbrata u ddatata mill-awtoritajiet nazzjonali tat-trasportatur qabel ma tidħol fit-territorju Awstijakk;

   (d) billi l-eko-karta tiġi ttimbrata f'uffiċċju fejn titwettaq l-inizjalizzazzjoni ta' l-eko-apparati.

   L-istazzjonijiet Awstrijaċi mgħammra b'magna li tittimbra l-eko-karti huma elenkati fl-Anness F.

   Għall-għanijiet ta' l-istatistika l-paġna 1 ta' l-eko-karta kkompletata għandha jew tinġabar mill-awtoritajiet Awstrijaċi jew sussegwentement tiġi mogħtija lura mill-awtoritajiet kompetenti lill-awtoritajiet Awstrijaċi fi żmien tliet xhur mit-tkomplija tal-vjaġġ. L-istatistika hekk miġbura għandha tgħin lill-Kummissjoni sabiex tagħmel kull proposta għad-distribuzzjoni ta' l-eko-punti ta' riserva.

   Jekk il-vettura jkollha eko-apparat imwaħħal fuqha, mal-konferma li tkun daħlet għal vjaġġ ta' transitu li jkun jeħtieġ l-eko-punti, għandu jiġi mnaqqas numru ta' eko-punti ekwivalenti għat-tagħrif dwar il-ħruġ tan-NO_x maħżun fl-eko-apparat tal-vettura mit-total ta' l-eko-punti allokati lir-Repubblika tal-Kroazja. Dan għandu jsir mill-infrastruttura pprovduta u mħaddma mill-awtoritajiet Awstrijaċi.

   Għall-vetturi mgħammra bl-eko-apparati li jkunu qegħdin jagħmlu vjaġġi bilaterali, dawn iridu jirranġaw l-eko-apparat sabiex juri illi jkun qiegħed isir vjaġġ mhux ta' transitu qabel ma jidħol fit-territorju Awstrijakk.

   Fil-każ dwar meta tintuża eko-karta u meta unit ta' vettura tal-ġbid tinbidel matul vjaġġ ta' transitu, il-prova tal-ħlas mad-dħul għandha tibqa' valida u tinżamm. Meta l-valur tal-KP tal-vettura l-ġdida tal-ġbid jaqbeż lil dak indikat fuq il-formola, għandhom jiġu kanċellati l-eko-punti addizzjonali, imwaħħla fuq karta ġdida, mal-ħruġ mill-pajjiż.

7. Il-vjaġġi mingħajr waqfien li jinvolvu l-qsim tal-fruntiera Awstrijaka għal darba waħda bil-ferrovija, sewwa jekk bit-trasport konvenzjonali tal-ferroviji u sewwa f'ħidma magħquda tat-trasport, u li jaqsmu l-fruntiera bit-triq qabel jew wara l-qsim bil-ferrovija, ma għandhomx jitqiesu bħala transitu tal-merkanzija bit-triq minn ġo l-Awstrija imma bħala vjaġġi bilaterali.

   Il-vjaġġi mingħajr waqfien minn ġo l-Awstrija li jużaw l-istazzjonijiet terminali li ġejjin għandhom jitqiesu bħala vjaġġi bilaterali:

   Fürnitz, Villach Süd, Sillian, Innsbruck/Hall, Brennersee, Graz.

8. L-eko-punti għandhom ikunu validi bejn l-1 ta' Jannar tas-sena li għaliha jkunu attribwiti u l-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

9. Il-kontravenzjonijiet għal dan il-Ftehim minn sewwieq ta' vettura tqila Kroata tal-merkanzija jew impenn għandhom jiġu mħarrka skond il-leġislazzjoni nazzjonali fis-seħħ.

   Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Awstrija u tal-Kroazja għandhom, kull waħda fil-limiti tal-ġurisdizzjoni tagħha, jipprovdu lil xulxin bl-assistenza amministrattiva għalbiex iwettqu l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni dwar dawn il-kontravenzjonijiet, b'mod partikolari billi jiżguraw illi l-eko-karti u l-eko-apparati jkunu wżati u mħaddma b'mod korrett.

   Jistgħu jiġu mwettqa kontrolli f'post ieħor għajr fuq il-fruntiera interna, skond id-diskrezzjoni ta' l-Istat Membru tal-Komunità Ewropea, bir-rigward misthoqq għall-prinċipju li ma ssirx diskriminazzjoni.

10. L-awtoritajiet Awstrijaċi tas-sorveljanza jistgħu, filwaqt li jqisu kif mistoqq il-prinċipji tal-proporzjonalità, jieħdu l-miżuri approprjati jekk vettura jkollha l-eko-apparat imwaħħal fuqha u tiġri mill-inqas waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

    (a) il-vettura u l-operatur ikunu kkommettew kontravenzjonijiet ripetutament;

    (b) ma jifdlux eko-punti biżżejjed fl-allokazzjoni tal-Kroazja;

    (ċ) l-eko-apparat ikun ġie mbagħbas jew ġie mibdul minn parti oħra għajr dawk awtorizzati fil-punt 3;

(d) il-Kroazja ma allokatx eko-punti biżżejjed għalbiex il-vettura tagħmel vjaġġ ta' transitu;

(e) il-vettura ma jkollhiex id-dokumentazzjoni approprjata skond il-punt 2 (ċ) jew (d) għalbiex tiġġustifika għaliex l-eko-apparat ikun tqiegħed għalbiex juri illi jkun qiegħed isir vjaġġ mhux tat-transitu fit-territorju Awstrijakk;

(f) meta l-eko-apparat speċifikat fl-Anness Ċ ma jkunx mimli b'eko-punti biżżejjed għalbiex jagħmel vjaġġ ta' transitu.

L-awtorijajiet Awstrijaċi tas-sorveljanza jistgħu, fil-waqt li jagħtu qies mistħoqq tal-prinċipju tal-proporzjonalità, jieħdu l-miżuri approprjati jekk vettura ma jkollhiex l-eko-apparat imwaħħla fuqha u tiġri waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) ma tiġix ippreżentata eko-karta lill-awtoritajiet tas-sorveljanza skond id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim;

(b) eko-karta li ma tkunx ikkompletata jew ma tkunx korretta, jew meta l-eko-punti ma jiġux imwaħħla b'mod korrett;

(ċ) il-vettura ma tippossjedix id-dokumentazzjoni approprjata sabiex tiġġustifika illi ma teħtiġx eko-punti;

(d) l-eko-karta ma tkunx ġiet ikkanċellata skond il-proċedura stabbilita fil-punt 6.

11. L-eko-punti stampati li jkunu maħsuba għalbiex jitwaħħlu fuq l-eko-karti għandhom ikunu disponibbli kull sena qabel l-1 ta' Novembru tas-sena ta' qabel.

12. Fil-każ tal-vetturi rreġistrati qabel l-1 ta' Ottubru 1990 li kellhom il-magna mibdula minn din id-data, għandu japplika l-valur tal-KP tal-magna l-ġdida. F'dan il-każ iċ-ċertifikat maħruġ mill-awtorità approprjata għandu jsemmi l-bidla tal-magna u jagħti d-dettalji dwar il-valur il-ġdid tal-KP għall-ħruġ tan-NO_x.

13. Vjaġġ ta' transitu għandu jkun eżentat mill-ħlas ta' l-eko-punti jew jiġu sodisfatti t-tliet kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-għan waħdieni tal-vjaġġ ikun li jikkunsinna vettura ġdida fjamanta, jew għaqda ta' vetturi, mingħand il-fabbrikanti lejn destinazzjoni fi Stat ieħor;

(b) ma tinġarr l-ebda merkanzija fuq il-vjaġġ;

(ċ) il-vettura jew l-għaqda tal-vetturi jkollhom il-karti approprjati tar-reġistrazzjoni internazzjonali u l-pjanċi tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni.

14. Vjaġġ ta' transitu għandu jkun eżentat mill-ħlas ta' l-eko-punti jekk il-parti mhux mgħobbija tal-vjaġġ tkun eżentata mill-eko-punti kif elenkat fl-Anness A u l-vettura ġġorr id-dokumentazzjoni xierqa għalbiex turi dan. Din id-dokumentazzjoni xierqa għandha tkun jew:

(a) polza tat-tagħbija; jew

(b) eko-karta kkompletata li ma jkunu twaħlu l-ebda eko-punti fuqha; jew

(ċ) eko-karta kkompletata bl-eko-punti, li jiġu sussegwentement istitwiti mill-ġdid.

15. Kull problema li tinħoloq mill-ġestjoni ta' dan ir-reġim ta' l-eko-punti għandha tiġi ssottomessa lis-Sotto Kumitat *Interim* tat-Trasport tal-Komunità/ir-Repubblika tal-Kroazja pprovdut fl-Artikolu 41 tal-Ftehim *Interim* li għandu jistma s-sitwazzjoni u jirrakkomanda l-azzjonijiet approprjati. Kull miżura li trid tiġi implimentata minnufih għandha tkun ipproporzjonata u mhux diskriminatorja.

Inkun obbligat jekk inti tikkonferma l-qbil tal-Gvern tiegħek mal-kontenut ta' din l-ittra."

Għandi l-unur li nikkonferma illi l-Gvern tiegħi jaqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Sinjur, jekk jogħġbok, aċċetta l-assigurazzjoni ta' l-ogħla konsiderazzjoni tiegħi.

F'isem il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja